**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 16, ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 506/00JR**

**Milano Due Limited**

**vs**

**Melita Marine Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Marzu, 2000, fejn intalab l-ammont ta' mitt lira u sebgha u sebghin centezmi (Lm100.77c) li jirrappresentaw il-bilanc tal-prezz ta' servizzi ta' akkomodazzjoni, ikel u xorb moghtija u provduti lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, fuq ordni u nkarigu taghha fil-lukanda Milano Due.**

**Bl-imghax mit-30 ta' Novembru 1999 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Novembru 1999 kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni u dana skond statement anness Dok A.**

**Ra li s-socjeta' konvenuta prezentatat risposta fit-28 ta' April 2000 cioe' tardivament u ghalhekk b'degriet tat-3 ta' Mejju 2000 it-Tribunal ordna l-isfilz ta' l-istess risposta.**

**Ghal kull buon fini s-socjeta' konvenuta ddikjarat fit-3 ta' Mejju 2000 li t-talba attrici qed tigi kontestata, peress illi s-socjeta' konvenuta kienet obbligata li thallas ghall-akkomodazzjoni u mhux ghall-"extras" tal-klijenti taghha li allogjaw fil-lukanda tas-socjeta' attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Abdilla u Pierre Balzan. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi s-socjeta' attrici qed titlob il-bilanc ta' servizz ta' akkomodazzjoni, ikel u xorb provduti lis-socjeta' konvenuta fil-lukanda "Milano Due" u dana skond statement Dok A.**

2. **Is-socjeta' konvenuta qieghdha tghid illi hi obbligata thallas biss l-akkomodazzjoni izda mhux "extras" li l-klijent alloggjat fl-imsemmija lukanda jkun ha.**

3. **Jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet infurmat lis-socjeta' attrici sabiex talloggja xi klijenti f'zewg "double rooms" mit-18 ta' April 1997 sa l-24 ta' April 1997. jirrizulta skond id-Dok JA esibit li hi l-ittra li biha s-socjeta' konvenuta ghamlet l-ordni, li: "all billing to be invoiced to Melita Marine". Fil-fatt ma jirrizultax illi s-socjeta' konvenuta illimitat l-ordni taghha ghal dak li jirrigwarda biss "bed and breakfast".**

4. **Ix-xhud Joseph Abdilla in rappresentanza tas-socjeta' attrici esebixxa l-kontijiet Dok JA 1 sa JA 4 li jirrigwardaw l-akkomodazzjoni, kif ukoll id-Dok JA 5 u JA 6 illi jirrigwardaw l-"extras" inkluzi telefonati, minibar u restaurant. Dawn l-ahhar zewg dokumenti huma proprju l-meritu tal-kawza odjerna. Jigi rilevat illi setghu jinghataw istruzzjonijiet minn min jaghmel ir-reservation biex jillimita l-ordni tieghu. F'dan il-kaz ma kien hemm ebda riserva simili, la bil-fomm u lanqas bil-miktub.**

5. **Id-direttur tas-socjeta' konvenuta Pierre Balzan fil-fatt xehed li l-ordni kien semplici fis-sens li qal: "please book three rooms". Huwa ma ftakarx li sar diskors dwar l-"extras".**

6. **Il-fatt illi l-istess socjeta' konvenuta ma ghamlet l-ebda riserva, mghaqqad mal-ordni kontenut fl-ittra tat-18 ta' April 1997 mibghut mis-socjeta' konvenuta li jirriferi ghall-hlasijiet kollha, jwassal lit-Tribunal biex jikkonkludi illi tassew is-socjeta' konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghal hlasijiet mitluba fl-avviz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mittlira Maltin u sebgha u sebghin centezmi (Lm100.77c), bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Novembru 1999.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Novembru 1999 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**